MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## DAVID SCICLUNA

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2014

Appell Kriminali Numru. 382/2014

**Il-Pulizija**

**v.**

**Brandon Pace**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Brandon Pace, karta ta’ l-identita` numru 211095(M), talli:

1. Nhar-it 23 ta’ Settembru 2014 għall-ħabta tas-1:45am, ġewwa Triq D’ Argens, Gzira kien qed jagħmel użu minn vettura tat- tip Renault bin-numru ta’ reġistrazzjoni personaliżżat Ta’ Carlos, mingħajr ma kienet koperta b’polza tas-sigurta` dwar ir-riskji għal terzi persuni, u dan bi ksur ta’ l-artikolu 3 tal- Kap 104 tal-Liġijiet ta’ Malta;

2. Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kien qed jagħmel użu mill-istess vettura, liema vettura ma kinitx liċenzjata minn awtorita` kompetenti sabiex tkun tista’ tintuża fit-triq, u dan bi ksur tal-artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta’ Malta;

3. Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kien qed jagħmel użu mill-istess vettura, meta ma kellux il-liċenzja neċessarja minn awtorita` kompetenti sabiex isuq vettura bil-mutur, u dan bi ksur tal-artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta’ Malta;

4. Naqas milli jħares kundizzjonijiet li ġew imposti fuqu mill-Qorti ta’ Malta, mill-Maġistrat Dr Josette Demicoli, LL.D. fid-digriet tagħha datat 27 ta’ Awwissu 2014 li bih ġie ordnat sabiex jirtira ġewwa d-dar fejn joqgħod mhux aktar tard mill-11:00pm u ma joħroġx minn hemm qabel is-7:00am, u dan bi ksur tal-artikolu 579 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli għall-imsemmija reati, tirrevoka ‘contrario imperio’ d-digriet tal-ħelsien mill-arrest u tordna r-ri-arrest tal-imsemmi Brandon Pace, kif ukoll tordna li s-somma ta’ elf (€1,000) euro bhala depożitu u s-somma ta’ ħamest elef (€5,000) euro bħala garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta’ Malta;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali li permezz tagħha sabet lill-isemmi Brandon Pace ħati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu u kkundannatu għal perjodu ta’ disa’ (9) xhur priġunerija effettiva. Inoltre l-Qorti ordnat li l-istess Brandon Pace jiġi skwalifikat milli jkollu jew jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien tnax-il (12) xahar, li għandhom jibdew jgħoddu minn meta jiskonta l-piena karċerarja

erogata bis-sentenza appellata, u għal dan il-fini l-Kummissarju tal-Pulizija għandu jivverifika mal-awtoritajiet karċerarji din id-data;

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell tal- istess Brandon Pace li permezz tiegħu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza apellata billi, filwaqt li tikkonfermaha f’dik il-parti fejn sabitu ħati tal-imputazzjonijiet lilu addebitati u f’dik il-parti fejn ma rrevokatx id-digriet tal-għoti tal-ħelsien mill-arrest u ma ordnatx il-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-ammonti stabbiliti bħala garanzija, tirriforma l-istess sentenza appellata f’dik il-parti fejn l-ewwel Qorti kkundannat lill- appellant għal piena karċerarja effettiva ta’ disa’ (9) xhur u tinfliġġi piena aktar ekwa u ġusta;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta’ l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** Dan huwa appell mill-piena li l-appellant iqis eċċessiva u mhux proporzjonata għall-każ. Huwa jgħid illi r-reat kommess minnu, li ħareġ wara l-ħin stabbilit, bl-ebda mod ma affettwa jew kien konness mar-reati li fuqhom kienet ġiet imposta tali kondizzjoni mill-Qorti tal-Maġistrati. Jgħid li m’għandux passat refrattarju u r-reat li tiegħu kien instab ħati fil-passat ma kienx ta’ natura gravi. Huwa jagħmel referenza għas-sentenza ta’ din il-Qorti, diversament presjeduta, fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Salah Aldin M.m. bin Abdo Alslam** mogħtija fil-5 ta’ Diċembru 2003 fejn intqal: **“ghalkemm meta persuna tammetti l-htija taghha fi stadju bikri tal-proceduri – u ma jistax ikun hemm stadju aktar bikri mill-gurnata tal-presentata ta’ dak li jkun quddiem il-qorti – qorti ghandha normalment tikkonsidra il-possibilita` ta’ xi tnaqqis fil-piena konformement mar-regoli li, minn zmien ghal zmien, gew formulati minn din il-Qorti u mill-Qorti Kriminali....”**

**6.** Issa, mill-atti jirriżulta illi l-appellant ammetta l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tiegħu fl-ewwel seduta miżmuma mill-ewwel Qorti. L-ammissjoni tiegħu kienet inkondizzjonata. Issa, fit-termini tal-ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiġġi l-liġi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi r-responsabilita` tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għal kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati oħra ta' appell ma jidħlux f'eżami akkurat taċ-ċirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kinitx eċċessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat. Huwa l-każ li jiġi sottolineat ukoll li skond il-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna, ammissjoni bikrija mhux bil-fors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena.

**7.** Din il-Qorti tibda biex tosserva illi ordni ta' Qorti tingħata biex tiġi osservata. Mela, ġaladarba l-appellant kellu waħda mill-kondizzjonijiet – fi proċeduri separati – mogħtija f'digriet ta' ħelsien mill-arrest li josserva ċertu *curfew*, kondizzjonijiet li hu obbliga ruħu li joqgħod għalihom, kellu jassigura ruħu li josserva tali kondizzjonijiet. Sfortunatament l-appellant mhux biss ma osservax il-kondizzjoni msemmija, iżda saħansitra kkommetta r-reati l-oħra addebitati lilu kif elenkati *supra* fl-ewwel paragrafu. Irid jingħad ukoll illi r-reati in kwistjoni ġew kommessi ftit anqas minn xahar wara li kien ingħata l-ħelsien mill-arrest.

**8.** Din il-Qorti tapprezza illi meta l-ewwel Qorti tat lill-appellant sentenza ta' priġunerija effettiva, hija kellha f'moħħha li l-appellant jieħu tagħlima. Din il-Qorti taqbel ma' l-ewwel Qorti li l-appellant kellu bżonn tagħlima sabiex jinduna illi ma jistax jikser il-liġi b'impunita`. Jirriżulta illi issa ilu taħt arrest preventiv mit-23 ta' Settembru 2014 u għalhekk diġa` għamel perijodu priv mil-liberta`. Din il-Qorti, wara li ħasbet fit-tul fuq il-każ, hi tal-fehma illi l-appellant, li għandu biss dsatax-il sena, jeħtieġ għajnuna sabiex idawwar ir-rotta li forsi

qabad u b'hekk is-sitwazzjoni ma tibqax taggrava. Għalhekk, filwaqt illi se żżomm ferm il-perijodu ta' priġunerija nflitta mill-ewwel Qorti, u li hi fil-parametri tal-liġi, sejra tissospendi l-eżekuzzjoni ta' dik is-sentenza u tagħmel ordni ta' superviżjoni bil-kondizzjonijiet appożiti.

**9.** Din il-Qorti twissi, pero`, lill-appellant illi, bħalma qalet din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Maurice Agius** mogħtija fit-13 ta' Novembru 2009, **"is-sentenza ta' priġunerija sospiża mhix, kif jaħsbu xi wħud, *a let off* jew sempliċement *a slap on the hand*. Min ikun ġie kkundannat għal piena ta' priġunerija sospiża jrid ikun, matul il-perijodu operattiv tagħha, kif jgħid il-Malti, 'imqarar u mqarben', għax appena huwa, matul dak il-perijodu, jikkommetti xi reat ieħor li għalih hemm stabbilita piena ta' priġunerija, meta jinstab ħati ta' dak ir-reat l-ieħor tiġi attivata l-piena ta' priġunerija li tkun ġiet hekk sospiża, u dak li jkun ikollu allura jibda jiskontaha."**

**9.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant Brandon Pace għal priġunerija effettiva ta' disa' xhur u minflok tikkundannah għal priġunerija għal perijodu ta' disa' xhur liema sentenza m'għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk matul il-perijodu ta' tliet snin millum huwa jikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija. Inoltre, a tenur ta' l-artikolu 28G tal-Kap. 9, tagħmel ordni ta' superviżjoni u tqiegħed lill-istess Brandon Pace taħt is-superviżjoni ta' uffiċjal sorveljanti għal perijodu ta' tliet snin millum taħt il-kondizzjonijiet indikati fl-ordni hawn anness. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. Din il-Qorti spjegat lill-imsemmi Brandon Pace bi kliem ċar ir-responsabbilta` tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija. Tattira l-attenzjoni tar-Reġistratur tal-Qorti għad-dmirijiet tiegħu skond is-subartikolu (8) ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------